**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Gunju, 2016

Rikors numru : 34/2016 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi r-rikorrenti kkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar l-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) fil-Parrocca ta' Ghajn Dwieli, Paola.

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju 2012 ippubblikat min-Nutar Dr Silvana Borg Caruana liema kuntratt qieghed jigi hawn esebit u mmarkat bhala Dok. RA. 1.

Illi ghalkemm ir-rikorrenti m'ilhomx erba` snin legalment separati, huma ilhom aktar minn erba` snin ma jirrisjedu flimkien, u dan ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-fatt l-esponenti kienet telqet mid-dar matrimonjali f'Dicembru 2011.

Illi minn dan iz-zwieg twieled il-minuri Z li llum ghandu disa` snin u li qieghed jithallas il-manteniment ta' hamsa u erbghin Euro (€45) fil-gimgha.

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli li ssir rikonciljazzjoni bejn il-partijiet rikorrenti;

Illi bejn il-partijiet ma hemm ebda kwistjoni ta' manteniment pendenti bejniethom ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet permezz ta' divorzju, kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet  ai termini tal-ligi.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu, 2016;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Lulju, 2012 u ilhom ghal aktar minn erba' snin ma jirrisjedu flimkien bhala koppja mizzewga u ghalhekk de facto separati;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.